MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 131/2005

**Charles Pisani u Doris Pisani**

**-vs-**

**Anthony Fenech u Antoinette Fenech; u b'digriet tas-6 ta' Ottubru 2005 ġew kjamati fil-kawża Louis Micallef tas-soċjeta' kummerċjali Rock-A-Go Crane Services Limited u Joseph Borg; u b'digriet tat-18 ta' Jannar 2006 James Marshall ta' Marshall Garage ġie kjamat fil-kawża.**

**Il-Qorti;**

Rat ic-ċitazzjoni ppreżentata fl-4 ta' Frar 2005 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi xtraw trakk tat-tip Cargo Tow Truck tad-ditta Ford numru tal-pjanċa MTS 701 mingħand l-konvenuti bil-prezz ta' erbat elef u ħames mitt lira Maltin (Lm4,500) fid-

dsatax ta' Awissu 2004 (19.08.2004) hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. A, u dan wara li ġie ċċekkjat sewwa kif ukoll wara li ġew ippreżentati ċertifikati tal-*vehicle roadworthiness* u ta' l-inginjier hawn annessi u mmarkati bħala Dok. B u Dok. C;

Illi sussegwentement għal dan il-bejgħ, l-atturi inkorrew spejjeż oħra li jikkonsistu fi spejjeż varji biex jiġi sistemat u rranġat it-trakk, liema spejjeż jammontaw kumultivament għal sitt mija u ħamsin lira Maltin (Lm650);

Illi f'Jannar 2005, l-atturi ħadu t-trakk għal *vehicle roadworthiness test*, u rriżulta li n-numru tax-xażi (*chassis*) tat-trakk, id-data ta' l-ewwel reġistrazzjoni u s-sena ta' manifattura hekk kif indikati fuq il-*log book* ma jaqblux u ma jikkorrispondux ma' l-istess trakk u ma' l-informazzjoni minquxa fuq it-trakk, kif ser jiġi muri matul il-kors tal-kawża;

Illi l-*vehicle roadworthiness test certificate* tal-Cargo Tow Truck għas-sena 2005 ma setgħetx tinħareġ, it-trakk tilef kompletament il-valur u l-utilita' tiegħu, apparti l-fatt li t-trakk ma jistax jinħareġ fit-triq għaliex il-liċenzja u l-polza ta' assikurazzjoni li biha kien kopert m'għadhomx validi;

Illi dawn id-difetti moħbija huma tant serji li t-trakk mixtri mill-atturi ma huwiex tajjeb għall-iskop li għalih inxtara u l-atturi qatt ma kienu jixtruh li kieku kienu jafu bihom;

Illi għalkemm l-atturi interpellaw lill-konvenuti diversi drabi għar-rexxissjoni tal-kuntratt tal-kompra-vendita, il-konvenuti baqgħu inadempjenti;

Illi minħabba dan l-atteġġjament da parti tal-konvenuti, l-atturi qed isofru danni konsiderevoli li jikkonsistu kemm fil-fatt li t-trakk ma jistax jintuża, kif ukoll fl-ispejjeż li saru biex inxtara t-trakk, l-ispejjeż ulterjuri li saru fuqu, kif ukoll ix-xogħol u l-kuntratti mitlufa sussegwentement;

Illi dan it-trakk kien l-uniku sors ta' xogħol u qliegħ għall-atturi.

Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex, għar-raġunijiet premessi, m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma unikament responsabbli tal-fatt li t-trakk mibjugħ minnhom lill-atturi fih diversi difetti li kienu moħbija fid-data tal-konsenja, u liema difetti jnaqqsu l-valur u l-utilita' tiegħu u li kieku l-atturi kienu jafu b'dawn id-difetti, huma ma kienux jixtruh;

2. Tirrixxindi l-ftehim tal-kompra-vendita datat 19 ta' Awissu 2004 bejn il-kontendenti;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma ta' tmint elef lira Maltija (Lm8,000) rappreżentanti kwantu għal Lm4,500 il-prezz tal-vettura in kwistjoni, Lm650 rappreżentanti spejjeż varji li nkorrew l-atturi fuq l-istess vettura u kwantu Lm2,850 bħala danni tax-xogħol u kuntratti mitlufa.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kollha mill-preżenti nkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-14 ta' Jannar 2005 u tal-mandat tas-sekwestru kawtelatorju sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, ippreżentata fl-1 ta' April 2005, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi preliminarjament, l-allegazzjonijiet li l-konvenuti eċċipjenti ħbew xi difett lill-atturi fir-rigward tal-vettura tat-tip Cargo Tow Truck tal-marka Ford bin-numru ta' reġistrazzjoni MTS-701, kif indikat fit-talbiet attriċi, huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u l-konvenuti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-atturi;

2. Illi fit-tieni lok, mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li d-dokumentazzjoni relattiva ppreżentata mill-atturi stess, u ċioe' il-*log book* tal-vettura *de quo*, ic-ċertifikat tal-VRT datat 20 ta' Frar 2004 u li jiċċertifika li l-vettura bħala

*roadworthy* kif ukoll iċ-ċertifikat maħruġ mill-inġinier Mario Magri datat 25 ta' Jannar, 2004, jikkorraboraw dak sostnut mill-konvenuti eċċipjenti li l-vettura *de quo* ġiet mibjugħa lill-atturi in konformita' mar-regoli eżistenti dwar il-vetturi, b'dokumenti uffiċjali;

3. Illi fit-tielet lok, għar-raġunijiet fuq eċċepit, ma teżisti l-ebda bażi legali għar-rixxenzjoni tal-ftehim tal-kompra-vendita datat 19 ta' Awissu, 2004;

4. Illi fir-raba' lok, ukoll mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-ebda ammont ta' spejjeż u l-ebda forma ta' danni m'huma dovuti mill-konvenuti kif allegat mill-atturi, u f'kull każ, l-atturi jridu jippruvaw dak allegat minnhom;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tas-6 t'Ottubru 2005 li permezz tiegħu ġew imsejħa fil-kawża Louis Micallef nomine u Joseph Borg u dak tat-18 ta' Jannar 2006 li permezz tiegħu jsejjaħ fil-kawża James Marshall;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-imsejjaħ fil-kawża Louis Micallef nomine li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi l-esponent kien irċieva parti minn ċitazzjoni, liema dokument qiegħed jiġi anness ma' dan ir-rikors, kif jista' anke jikkonferma l-esponent bil-ġurament tiegħu.

Illi għalhekk in-notifika ta' l-esponenti bl-atti ta' din il-kawża m'hix wahda valida u kwindi, għalkemm *prima facie* jidher li hu kontumaċi, it-terminu għall-preżentata ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu għadu ma bediex jiddekorri.

Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza lill-esponent jippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet ta’ l-imsejjah fil-kawża Joseph Borg:

1. Illi fl-ewwel lok *in linea preliminari*, l-eċċipjenti la għadu u lanqas qatt ma kellu ebda relazzjoni ġuridika la ma l-atturi u lanqas mal-konvenuti fil-kawża odjerna; ma kien qatt parti f’ebda kuntrattazzjoni ta’ bejniethom u għalhekk l-azzjoni attriċi, in kwantu naxxenti minn tali kuntrattazzjoni, hija ċertament infondata fil-fatt u fid-dritt fil-konfront ta’ l-eċċipjenti;

2. Illi meta l-vettura *de quo* ġiet oriġinarjament akkwistata mill-eċċipjenti, baqgħet fil-pussess tiegħu u ġiet minnu mibjugħa lill-Rock-A-Go Crane Services Limited, din ma kellha ebda difett kif illum lamentat mill-atturi u kellha d-dokumentazzjoni kollha debitament in regola; u f’dan is-sens ukoll l-ewwel talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt fil-konfront ta’ l-eċċipjenti.

3. Illi t-tieni u t-tielet talba attriċi huma sia improponibbli kif ukoll għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront ta’ l-eċċipjenti, *stante* illi hu ma kienx parti mill-ftehim ta’ kompra-vendita tad-19 ta’ Awissu 2004 bejn il-partijiet, liema ftehim għall-eċċipjenti huwa *res inter alios acta*.

4. Illi l-eċċipjenti kien oriġinarjament akkwista l-vettura *de quo in buona fede* mingħand ċertu Thomas Murphy u din il-vettura nġiebet Malta bid-dokumentazzjoni kollha in regola u bid-dettalji kollha jaqblu regolarment skond il-proċeduri rikjesti mill-awtoritajiet kompetenti. F’dan il-kuntest għalhekk bl-istess *ratio* illi bih l-eċċipjenti ġie llum kjamat in kawża, għandu jiġi kjamat in kawża wkoll l-imsemmi Thomas Murphy illi mingħandu ġie akkwistata din il-vettura.

5. Illi f’kull każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċipjenti m’għandux ċertament jiġi addebitat b’ebda responsabbilta’ għal danni li allegatament hemm f’din il-vettura li ilha mhux fil-pussess ta’ l-eċċipjenti għal dawn l-aħħar tlettax (13)-il sena.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut James Marshall li permezz tagħha espona:

Illi *in linea preliminari*, l-eċċipjent ma għandu ebda relazzjoni ġuridika li ma' l-atturi u lanqas ma' ħadd mill-partijiet;

Illi fi kwalunkwe każ, l-azzjoni attriċi hija preskritta *ai termini* ta' l-artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili, li huwa terminu ta' dekadenza.

Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-digriet tal-24 ta' Ġunju 2005 li permezz tiegħu ġew nominat l-espert tekniku Joseph Zammit u l-Avukat Dottor Joseph M. Buttigieg biex jagħtih l-assistenza legali;

Rat ir-relazzjoni tagħhom debitament maħluf;

Rat l-atti proċesswali kompriżi l-verbali tas-seduti li saru quddiem l-esperti msemmija;

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Frar 2009 li permezz tiegħu ċaħdet it-talba ta' l-imsejjaħ fil-kawża Joseph Borg illi jsejjaħ fil-kawża lil Thomas Murphy;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Marzu 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza ;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mill-premessi, l-atturi qed jitolbu rexxisjoni tal-kuntratt ta' bejgħ tal-vettura msemmija u wkoll danni għar-raġunijiet spjegati fid-dettal fiċ-ċitazzjoni. Jirriżulta pero' mill-atti tal-kawża illi fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2006 (quddiem il-periti ġudizzjarji) l-Avukat ta' l-atturi ddikjara li l-vettura in kwistjoni ġiet rilaxxjata mill-Pulizija fil-15 ta' Diċembru 2005 u kwindi anke liċenzjata biex taħdem fit-triq. Għalhekk it-talba għar-rexxisjoni tal-kuntratt ma baqgħetx attwali u l-atturi irrinunzjaw għall-ewwel żewġ

talbiet permezz tan-nota preżentata a fol 71 tal-proċess. Naturalment tibqa' attwali t-talba għad-danni li permezz ta' l-istess nota huma rriduċew għal Lm3,138.20c.

Kif jidher minn dak li ġie spjegat, ġew intavolati eċċezzjonijiet ta' natura legali li pero' fil-fehma tal-Qorti, huma kollha nfondati. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sena fir-rigward ta' l-azzjoni redibitorja hija nfondata għaliex l-atturi aġixxew malli huma saru jafu bil-problema tal-liċenzjar tal-vettura li huma xtraw f'Awissu 2004. Il-kawża ġiet istitwita fi Frar 2005. Kwindi ma hemm ebda kwistjoni li l-azzjoni hija preskritta *ai termini* ta' l-arikolu 1431 (2) tal-Kap. 16. Il-fatt li l-imsejħa fil-kawża kienu ilhom li trasferew il-vettura s-snin ma hux rilevanti għaliex il-bejjiegħ huwa tenut li jagħti l-garanzija naxxenti mill-kuntratt tal-bejgħ u <u>jekk id-difett ikun pre eżistenti għall-bejgħ</u> jibqa tenut responsabbli sakemm jiġi skopert dak id-difett. (**"Benedetto Axisa vs Carmelo Galea"** – Prim Awla, 6 ta' Diċembru 1957). Kif sewwa rrimarkaw il-periti ġudizzjarji, il-prova li l-vettura kienet misruqa mill-Ingilterra saret sodisfaċentement bid-depożizzjoni ta' l-uffiċjali tal-Pulizija u għalhekk il-vendituri preċedenti ma jistgħux jiddefendu l-azzjoni tagħhom bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Naturalment ladarba l-azzjoni redibitorja ma baqgħetx attwali l-atturi kellhom jipprovaw li xi ħadd mill-bejjiegħa kien jaf bid-difett in kwistjoni *ai termini* ta' l-artikolu 1429. Dan jgħid illi: *"Jekk il-bejjiegħ kien jaf bid-difetti tal-ħaġa mibjugħa hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun irċieva iżda wkoll li jħallas id-danni lix-xerrej".* Dan naturalment għaliex biex l-azzjoni redibitorja tirnexxi m'hemmx għalfejn il-konvenut kien jaf bid-difett. Il-periti kkonkludew li l-kjamat Joseph Borg kien jaf bid-difett ossija kien jaf illi li n-numru tax-*chassis* u tal-kabina ma kienux jaqblu. Infatti *oltre* d-depożizzjonijiet ta' l-attur, tal-konvenut u ta' Louis Micallef l-istess Borg meta ġie mgħarraf bil-problema ma kkontestahiex anzi ried isolviha billi jippanċja numri ġodda fuq ix-*chassis*. In fatti meta l-attur u l-konvenut avviċinawh (fuq informazzjoni ta' Marshall) Borg staqsihom fejn kien it-trakk ħalli jippanċja dawn in-numri. Meta qalulu li kienu marru għandu biex

jaraw x'kienet il-problema huwa rrabja u wissihom li jekk jinvolvu l-pulizija kien se jiċħad li dak kien l-istess trakk illi mporta mill-Ingilterra. Il-Qorti għalhekk taqbel perfettament mal-konklużjonijiet tal-periti. Borg innifsu kien l-ewwel venditur tat-trakk f'Malta u għalhekk għandu jwieġeb għat-talba attriċi. Jirriżulta wkoll skond il-Pulizija li Thomas Murphy illi mingħandu xtara Borg u li kien joqgħod l-Ingilterra ilu mejjet ċirka tlettax il-sena.

Rigward il-likwidazzjoni tad-danni l-Qorti taqbel ukoll ma' dak li kkonkludew l-esperti fis-sens li d-danni ma kienux dawk mitluba mill-atturi iżda bbażata fuq likwidazzjoni *arbitrio boni viri* waslu għas-somma ta' elfejn, erba' mija u tnejn u għoxrin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€2,422.55). Dan għaliex jirriżulta ċar li t-talba attriċi kienet ibbażata fuq *turn over* u mhux fuq il-qliegħ li seta' sar fil-perjodu li l-atturi ma setgħux jużaw il-vettura għan-negozju tagħhom. Għal dan il-mottiv il-Qorti se tordnalhom iħallsu parti mill-ispejjeż.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel żewġ talbiet, tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-imsejjaħ fil-kawża Joseph Borg biex iħallashom is-somma ta' elfejn, erba' mija u tnejn u għoxrin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€2,422.55) bl-imgħaxijiet mill-15 ta' Diċembru 2005; l-ispejjeż kollha minħabba f'hekk ikunu a kariku ta' l-istess Joseph Borg *eccetto* dawk tad-drittijiet ta' l-Avukat ta' l-atturi li għandhom jithallsu minnhom stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------